Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B** **IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1148/2001**

tat-12 ta' Ġunju 2001

dwar verifiki fuq il-konformità ta' *marketing standards* applikabbli għal frott frisk u ħaxix ta' l-ikel

(OJ L 156, 13.6.2001, p. 9)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2379/2001 tal-5 ta' Diċembru 2001	L 321	15	6.12.2001
►**M2**	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 408/2003 tal-5 ta' Marzu 2003	L 62	8	6.3.2003

▼B

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1148/2001

tat-12 ta' Ġunju 2001

dwar verifiki fuq il-konformità ta' *marketing standards* applikabbli għal frott frisk u ħaxix ta' l-ikel

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96 tat-28 ta' Ottubru 1996 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-frott u l-ħaxix ta' l-ikel [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 911/2001 [2], u partikolarment l-Artikolu 10 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2251/92 tad-29 ta' Lulju 1992 dwar l-ispezzjoni għall-kwalità tal-frott u l-ħaxix ta' l-ikel frisk [3], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 766/97 [4], għandu jkun emendat f'numru ta' postijiet biex jitqies l-iżvilupp ta' u l-professjonalità mtejba fil-kummerċ ta' frott frisk u l-ħaxix ta' l-ikel u ta' bdil fl-organizzazzjoni komuni fis-swieq f'dan is-settur, u biex ikun kjarifikat numru ta' ambigwitajiet f'dak ir-Regolament. Fl-interess ta' simplifikazzjoni u ċarezza mtejba, ir-regoli għandhom ikunu kompletament riformulati u għandu jitħassar ir-Regolament (KEE) Nru 2251/92.

(2) L-Istati Membri għandhom jindikaw il-korpi ta' spezzjoni li huma responsabbli għat-twettiq tal-verifiki fuq konformità f'kull stadju tal-*marketing*. Minħabba ċ-ċirkostanzi diversi ħafna fl-Istati Membri, korp wieħed jew iżjed f'kull Stat Membru għandu jkun reponsabbli għall-kuntratti u l-koordinazzjoni bejn il-korpi maħtura kollha.

(3) Għandhom isiru verifiki ta' konformità bil-kampjuni u għandhom jikkonċentraw fuq negozjanti li aktarx ikollhom oġġetti li ma jikkonformawx ma' l-istandards. Skond il-karatterisitiċi tas-suq nazzjonali tagħhom, l-Istati Membri għandhom jipprovdu regoli li jipprijorittizzaw il-verifiki fuq kategoriji partikolari ta' negozjanti. Biex tkun żgurata t-trasparenza, dawn ir-regoli għandhom ikunu notifikati lill-Kummissjoni. Billi l-għarfien tan-negozjanti u l-karatteristiċi ewlenin tagħhom huwa għodda indispensabbli fl-analiżi ta' l-Istati Membri, jeħtieġ li titwaqqaf *database* fuq negozjanti fil-frott frisk u ħaxix f'kull Stat Membru, u jkun segwit ir-reġistru magħmul skond ir-Regolament (KEE) Nru 2251/92.

(4) L-esportazzjoni ta' frott u ħaxix lil terzi pajjiżi trid tħares l-istandards. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li huwa l-każ u jiċċertifikaw il-konformità, skond il-Protokoll ta' Ġinevra fuq l-istandardizzazzjoni ta' frott frisk u ħaxix u frott niexef u mnixxef konkluż fi ħdan il-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti u l-iskema ta' l-OECD għall-applikazzjoni ta' *standards* internazzjonali fuq frott u ħaxix. Importazzjonijiet ta' frott frisk u ħaxix minn pajjiżi terzi jridu jħarsu *marketing standards* jew *standards* li huma ta' lanqas ekwivalenti għalihom. Verifiki fuq il-konformità għandhom għalhekk jitwettqu qabel dawn l-oġġetti jidħlu fit-territorju doganali Komunitarju, ħlief fil-każ ta' lottijiet żgħar li l-awtoritajiet ta' l-ispezzjoni jikkunsidraw bħala riskju żgħir. F'ċerti pajjiżi terzi li jipprovdu garanziji sodisfaċenti ta' konformità, jistgħu jsiru verifiki mill-korpi ta' spezzjoni ta' dawn il-pajjiżi terzi. Meta tkun applikata din l-

---

[1] ĠU 297, tal-21.11.1996, p. 1.
[2] ĠU 129, tal-11.5.2001, p. 3.
[3] ĠU L 219, ta' l-4.8.1992, p. 9.
[4] ĠU 112, tad-29.4.1997, p. 10.

▼B

għażla, l-Istati Membri għandhom jivverifikaw regolarment il-validità tal-verifiki magħmulin mill-korpi ta' spezzjoni tal-pajjiż terz u jinfurmaw il-Kummissjoni bir-riżultati ta' dawn il-verifiki.

(5) Prodotti maħsub għall-ipproċessar mhumiex meħtieġa li jikkonformaw ma' dawn l-istandards, għalhekk għandu jkun żgurat li ma jinbiegħux fis-suq bħala prodotti friski. Dawn il-prodotti għandhom ikunu tikkettjati kif xieraq u, f'ċerti każijiet, akkumpanjati b'ċertifikat ta' proċessar li jgħid l-użu aħħari u jippermetti li jsiru verifiki.

(6) Frott u ħaxix verifikati għal konformità għall-*marketing standards* għandhom ikunu suġġetti għall-istess tip ta' verifika fl-istadji kollha tal-*marketing*. Il-linji ta' gwida ta' spezzjoni rakkomandati mill-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti, huma nfushom skond ir-rakkomandazzjonijiet rilevanti ta' l-OECD, għandhom ikunu adottati għal dan l-iskop. Arranġamenti speċifiċi għandhom iżda jkunu provduti għall-verifiki fl-istadju tal-bejgħ bl-imnut.

(7) Il-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tat-Tmexxija tal-Frott Frisk u l-Ħaxix ta' l-Ikel,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Istati Membri għandhom jagħmlu verifiki fl-istadji kollha ta' *marketing* fuq il-konformità għall-*marketing standards* provduti fl-Artikoli 7, 8 u 9 tar-Regolament (KE) Nru 2200/96 skond dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Korpi kompetenti

1. Kull Stat Membru għandu jaħtar awtorità kompetenti waħdanija kompetenti responsabbli għal koordinazzjoni u kuntatti fl-arji koperti f'dan ir-Regolament, minn hawn 'il quddiem msejħa "l-awtorità koordinatriċi".

2. L-Istati Membri għandhom jikkommunikaw lill-Kummissjoni:

— l-isem u l-indirizz postali u ta' l-*e-mail* ta' l-awtorità koordinatriċi li ħatru fl-applikazzjoni tal-paragrafu 1,

— l-isem u l-indirizz postali u ta' l-*e-mail* tal-korpi ta' spezzjoni li appuntaw fl-applikazzjoni tat-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 2200/96, minn hawn 'il quddiem msejħa "korpi ta' spezzjoni"' u

— deskrizzjoni eżatta ta' l-isferi rispettivi ta' attività tal-korpi ta' spezzjoni li ħatru.

3. L-awtorità koordinatriċi tista' tkun ta' korp ta' spezzjoni jew wieħed mill-korpi ta' spezzjoni jew xi korp ieħor maħtur skond il-paragrafu 1.

4. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-lista ta' awtoritajiet koordinatriċi maħtura mill-Istati Membri fis-serje Ċ tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Artikolu 3

***Database* ta' negozjanti**

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu *database* fuq negozjanti fil-frott u ħaxix, li għandhom jelenkaw, taħt il-kondizzjonijiet mfissra

▼B

f'dan l-Artikolu, negozjanti involuti fil-*marketing* ta' frott frisk u ħaxix għal liema jkunu ġew provduti *standards* fl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 2200/96.

B'"negozjant" huwa mfisser kull persuna naturali jew legali li jżomm frott frisk u ħaxix soġġetti għall-*marketing standards* biex juru jew joffru għall-bejgħ, il-bejgħ jew *marketing* tagħhom f'xi mod ieħor għalih innifsu jew f'isem terz fit-territorju Komunitarju u/jew l-esportazzjoni ta' pajjiżi terzi.

L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw il-kondizzjonijiet taħt liema n-negozjanti li ġejjin huma inklużi jew le fid-*database*:

— negozjanti li l-attivitajiet tagħhom huma eżentati mill-obbligu li jikkonformaw ma' *marketing standards* bis-saħħa ta' l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 2200/96,

— persuni naturali jew legali li l-attivitajiet tagħhom fis-settur tal-frott u l-ħaxix huma limitati jew għat-trasport ta' oġġetti, jew għall-bejgħ ta' kwantitajiet żgħar fl-istadju ta' l-imnut.

2. Fejn id-*database* hija komposta minn diversi elementi separati, l-awtorità koordinatriċi għandha tiżgura li d-*database*, l-elementi tagħha u l-aġġornament tagħhom huma uniformi. L-aġġornament isir partikolarment mill-korpi ta' spezzjoni li jużaw l-informazzjoni miġbura matul il-verifiki magħmula fl-istadji kollha tal-*marketing*.

3. Din id-*database* għandu jkollha, għal kull negozjant, in-numru ta' reġistrazzjoni, l-isem, l-indirizz, l-informazzjoni meħtieġa għall-klassifikazzjoni tagħha f'waħda mill-kategoriji msemmija fl-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament, partikolarment, il-pożizzjoni fil-katina tal-*marketing*, l-informazzjoni dwar l-importanza tad-ditta, l-informazzjoni dwar ir-riżultanzi magħmula matul verifiki ta' qabel ta' kull negozjant, kif ukoll kull informazzjoni oħra mitqiesa meħtieġa għall-verifiki.

4. In-negozjanti għandhom jipprovdu l-informazzjoni li l-Istati Membri jqisu meħtieġa biex jistabbilixxu u jaġġornaw d-*database*. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw il-kondizzjonijiet taħt liema n-negozjanti mhux stabbiliti fit-territorju tagħhom imma li jinnegozjaw fuqha għandhom ikunu elenkati fid-*database* tagħhom:

Artikolu 4

Verifiki ta' konformità fis-suq intern

1. L-Istati Membri għandhom jintroduċu sistema ta' verifiki ta' kampjuni fuq il-konformità ta' *marketing standards* tal-prodotti miżmuma minn negozjanti f'kull stadju tal-*marketing*.

Taħt din is-sistema l-Istati Membri għandhom jispeċifikaw il-frekwenza, bażata fuq analiżi tar-riskju ta' negozju li jbiegħ oġġetti mhux f'konformità ma' *marketing standards*, ma' liema l-verifiki jistgħu jsiru mill-korpi ta' spezzjoni, li għandhom ikunu suffiċjenti biex jiżgura konformità mar-regoli Komunitarji, għal kull kategorija ta' negozjanti li jkunu fissru l-ewwel. Din l-analizi tar-riskju għandha tirrelata, partikolarment, mad-daqs tad-ditti, il-pożizzjoni fil-katina tal-*marketing*, riżultanzi magħmula matul il-verifiki ta' qabel u parametri oħra possibbli li għandhom ikunu definiti mill-Istati Membri. Negozjanti involuti fil-preparazzjoni u l-ippakkjar tal-frott u l-ħaxix, partikolarment fir-reġjun tal-produzzjoni, għandhom ikunu soġġetti għal rata ogħla ta' verifiki minn kategoriji oħra ta' negozjant. Jistgħu jsiru wkoll verifiki matul it-trasport.

Fejn il-verifiki juru irregolaritajiet sinifikanti, il-korpi ta' spezzjoni għandhom jżidu l-frekwenza ta' verifiki fuq in-negozjanti konċernati.

2. In-negozjanti għandhom jipprovdu korpi ta' spezzjoni bl-informazzjoni kollha dawk il-korpi jiġġudikaw meħtieġa għall-organizzazzjoni u t-twettieq tal-verifiki.

▼B

3. L-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw in-negozjanti fl-istadju li jibagħtu biex jiggarantixxu rata ta' konformità uniformi u għolja ta' frott u ħaxix bla ħsara għall-*marketing standards* li jibagħtu biex jintuża l-kampjun fl-Anness 3 fit-tikketta ta' kull pakkett. L-awtorizzazzjoni għandha tingħata għall-perjodu ta' tliet snin u għandha tiġġedded.

Kif ukoll, negozjanti li jibbenefikaw minn din il-possibbiltà għandhom:

— ikollhom personal li rċieva taħriġ approvat mill-Istat Membru,

— ikollu tagħmir xieraq għall-preparazzjoni u ppakkjar tal-prodotti,

— jikkommettu ruħhom biex jipproċedu għall-verifika ta' konformità ta' l-oġġetti li jibagħtu u jkollhom reġistru li jirrikordja l-operazzjonijiet kollha ta' verifiki mwettqa.

Meta n-negozjanti ma jistgħux jiggarantixxu iżjed rata ta' konformità għolja u uniformi, jew meta waħda mill-kondizzjonijiet msemmija hawn fuq ma tkunx aktar imħarsa, l-Istat Membru għandu jirtira l-awtorizzazzjoni għan-negozjant biex ikun użat il-kampjun fl-Anness III fl-ittikkettjar ta' kull pakkett.

4. L-awtorità koordinattriċi għandha tikkomunika d-disposizzjonijiet tas-sistema ta' spezzjoni kif msemmija fil-paragrafu 1 lill-Kummissjoni qabel l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Il-komunikazzjoni għandha tinkludi l-kategoriji tan-negozjanti li kienu identifikati u l-frekwenza tal-verifiki speċifikata għal kull wieħed minnhom, kif ukoll, fejn xieraq, il-kondizzjonijiet dettaljati ta' l-implimentazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-paragrafu 3, il-kondizzjonijiet dettaljati ta' l-implimentazzjoni tad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 5(1), inkluż il-proporzjonijiet minimi tal-verifiki għad-diversi kummerċjanti konċernati. Għandha tinforma minnufih lill-Kummissjoni b'kull emenda sussegwenti lil dik is-sistema.

Artikolu 5

Verifiki ta' konformità fil-punt ta' esportazzjoni

1. Il-korp ta' spezzjoni kompetenti fl-istadju ta' l-esportazzjoni għandu jiżgura li verifika ta' konformità li l-prodotti maħsuba għall-esportazzjoni lill-pajjiżi terzi jħallu biss it-territorju doganali tal-Komunità jekk jikkonformaw ma' *marketing standards*.

L-esportaturi għandhom jipprovdu korpi ta' spezzjoni bl-informazzjoni kollha dawk il-korpi jiġġudikaw meħtieġa għall-organizzazzjoni u t-twettieq tal-verifiki.

▼M2

_____

1 bis. L-Istati Membri jistgħu japplikaw għall-dispożizzjonijiet msemmija fit-tieni subparagrafu dwar in-negozjanti, billi jaderixxu mal-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) joffru garanzija għolja ta' konformità konsistenti tal-prodotti tal-frott u l-ħaxix li huma jinnegozjaw;

(b) ikollhom nies adekwati fuq kontroll, mħarrġa b'taħriġ approvat mill-Istati Membri;

(ċ) jimpenjaw ruħhom biex jiċċekjaw li l-prodotti li jinnegozjaw jkunu konformi;

(d) jimpenjaw ruħhom biex iżżommu reġistru bil-kontrolli kollha li jkun għamlu.

Għal dawn in-negozjanti, L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu, l-inqas ammont ta' kunsinni u kwantitajiet soġġetti għall-kontrolli ta' konformità mill-persuni inkarigati fl-istadju tal-esportazzjoni, għall kull kategorija ta' negozjant u bbażata fuq analiżi ta' riskju. Dan il-proporzjon irid ikun biżżejjed biex jassigura qbil mar-regoli tal-KomunitàFejn l-

▼M2

awtoritajiet tal-kontrolli jsibu ħafna irregolaritajiet, għandhom jiżiedu l-kontrolli tal-kunsinni ta' dawn in-negozjanti kkonċernati.

▼B

2. Il-korp ta' spezzjoni għandu joħroġ ċertifikat ta' konformità kif msemmi fl-Anness I għal kull lott maħsub għall-esportazzjoni u li jikkonsidraw li jħares *marketing standards*, wara t-tmiem ta' l-operazzjonijiet ta' verifiki msemmija fil-paragrafu 1. Fejn il-kunsinna ta' esportazzjoni tikkonsisti minn diversi lottijiet, il-konformità ta' dawn il-lottijiet jistgħu jkunu ċertifikati fuq ċertifikat waħdieni li b'mod ċar jelenka d-diversi lottijiet li jikkostitwixxu dik il-kunsinna.

▼M2

fejn, skond il-paragrafu 1a, tgħabijiet li għandhom jkollhom ċertifikat ta' konformità li ma jkunux ġew iċċekjati mill-awtoritajiet kompetenti fl-istadju tal-esportazzjoni, l-imsemmija 'Kontroll Personali (Art 5(1a) tar-Regolament (KE) Nru 1148/2001)' trid titniżżel f'kaxxa 13 (Kummenti) taċ-ċertifikat.

▼B

3. Id-dikjarazzjoni ta' esportazzjoni tista' tkun aċċettata mill-awtorità doganali kompetenti biss jekk:

— l-oġġetti huma akkumpanjati jew minn ċertifikat imsemmi fil-paragrafu 2 jew ċertifikat msemmi fl-Artikolu 8(2), jew jekk

— l-awtorità ta' spezzjoni kompetenti tkun infurmat l-awtorità doganali, b'mezzi xierqa, li l-lottijiet rilevanti kienu soġġetti għall-ħarġa ta' wieħed minn dawk iż-żewġ ċertifikati.

Artikolu 6

Verifiki ta' konformità fil-punt ta' importazzjoni

1. Qabel ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa, prodotti minn pajjiżi terzi għandhom ikunu verifikati għall-konformità ma' *marketing standards*.

L-importaturi għandhom jipprovdu korpi ta' spezzjoni bl-informazzjoni kollha li dawk il-korpi jiġġudikaw meħtieġa għall-organizzazzjoni u t-twettieq tal-verifiki msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u Artikolu 7(5).

2. Bla ħsara għall-Artikolu 7, il-korp ta' spezzjoni uffiċjali fil-punt ta' importazzjoni għandu jagħmel verifika ta' konformità għal kull lott importat, fejn dawk il-prodotti jħarsu l-*istandards* meħtieġa, għandu joħroġ ċertifikat ta' konformità kif provdut fl-Anness I. Fejn l-kunsinna ta' importazzjoni tikkonsisti minn diversi lottijiet, il-konformità ta' dawn il-lottijiet jistgħu jkunu ċertifikati fuq ċertifikat waħdieni li b'mod ċar jelenka d-diversi lottijiet li jikkostitwixxu dik il-Kunsinna.

3. L-awtoritajiet doganali għandhom jawtorizzaw ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera biss jekk:

— l-oġġetti huma akkumpanjati b'ċertifikat msemmi fil-paragrafu 2, iċ-ċertifikat msemmi fl-Artikolu 7(3), jew iċ-ċertifikat msemmi fl-Artikolu 8(2), jew jekk

— l-awtorità ta' spezzjoni kompetenti tinforma l-awtorità doganali, b'mezzi xierqa, li l-lottijiet rilevanti kienu soġġetti għall-ħarġa ta' wieħed minn dawk iċ-ċertifikati.

▼M2

4. Minkejja paragrafi 1, 2 u 3, fejn l-Awtorità kompetenti tal-Kontrolli tikkonsidra li hemm riskju minimu li ċertu tgħabijiet ma jkunux konformi ma' l-istandards tal-marketing fl-istadju tal-esportazzjoni, tista' tagħżel li ma tiċċekjax dawn it-tgħabijiet.Għal dan il-għan, l-Awtoritá kompetenti tal-Kontrolli għandha tibgħat dikjarazzjoni stampata lill-Awtoritá tad-dwana jew b'xi mod ieħor tinforma lill-istess Awtoritá li tista' tmexxi bil-proċeduri ta' clearance mid-dwana.

▼M2

Għall-iskop li wieħed japplika l-ewwel subparagrafu, l-Awtoritá tal-kontrolli trid tistabilixxi bil-quddiem il-kriterji li wieħed għandu juża biex janaliżża r-riskju li xi tgħabijiet ma jkunux konformi, u għal kull tip ta' esportazzjoni li għandha l-Awtoritá, fuq bażi ta' riskju, tistabbilixxi l-inqas proporzjon ta' kunsinni u kwantitajiet li għandhomjkunu soġġetti għal ispezzjonijiet mill-Awtoritá tal-Kontrolli fl-istadju tal-esportazzjoni. Fi/kull każ, kull proporzjon speċifikat f'dan il-paragrafu jrid ikun ħafna akbar minn dawk applikati skond l'L-Artikolu 7(5)

4 bis. Il-Kummissjoni tistabbilixxi linji ta' gwida komuni biex ittejjeb l-uniformitá ta' l-applikazzjoni ta' paragrafu 4 fl-Istati Membri. L-Awtoritá kompetenti trid tinforma lill-Kummissjoni bir-regoli stabbiliti għall-applikazzjoni ta' paragrafu 4, u tinkludi l-kriterji u l-inqas ammont ta' proporzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 4 u kull emenda li ssir wara f'dawk ir-regoli.

▼B

Artikolu 7

Approvazzjoni ta' l-operazzjonijiet ta' verifika mwettqa minn pajjiżi terzi qabel l-importazzjoni fil-Komunità.

1. Fuq talba ta' pajjiż terz, il-Kummissjoni tista' tapprova, skond il-proċedura provduta fl-Artikolu 46 tar-Regolament (KE) Nru 2200/96, operazzjonijiet ta' verifika ta' konformità mwettqa minn dan il-pajjiż terz qabel l-importazzjoni fil-Komunità.

2. L-approvazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tista' tingħata lill-pajjiżi terzi li hekk jitolbu u li fit-territorju tagħhom *marketing standards* tal-Komunità, jew *standards* għall-inqas ekwivalenti, jintlaħqu għall-prodotti esportati lill-Komunità.

L-approvazzjoni tispeċifika l-awtoritá uffiċjali f'pajjiż terz taħt ir-responsabbiltà ta' liema jitwettqu l-operazzjonijiet ta' verifika msemmija fil-paragrafu 1. L-awtoritá għandha tkun responsabbli għall-kuntatti mal-Komunità. L-approvazzjoni tispeċifika wkoll il-korpi ta' spezzjoni li jagħmlu l-verifiki xierqa, minn hawn 'il quddiem msejħa "korpi ta' spezzjoni tal-pajjiż terz".

L-approvazzjoni għandha tapplika biss għall-prodotti li joriġinaw fil-pajjiż terz konċernat u tista' tkun limitata għal ċerti prodotti.

▼M1

Għall-finijiet ta' l-approvazzjoni li jirreferi għaliha l-paragrafu 1, il-Kummissjoni tista' tuża l-korp speċjali ta' spetturi fis-settur tal-frott u ħaxix imwaqqaf taħt l-Artikolu 40 tar-Regolament (KE) Nru 2200/96 biex jagħmel żjarat fuq-il-post biex jassigura li l-operazzjonijiet ta' spezzjoni li jsiru fil-pajjiżi terzi kkonċernati jikkonformaw mad-dispozizzjonijiet ta' dan l-Artikolu u, fejn approprjat, jagħmel rakkomandazzjonijiet biex itejjeb il-grad ta' konformità ta' oġġetti esportati lejn il-Komunità minn dak il-pajjiż terz.

▼B

3. Il-korpi ta' spezzjoni tal-pajjiż terz għandhom ikunu korpi uffiċjali jew uffiċjalment rikonoxxuti mill-awtoritá msemmija fil-paragrafu 2 li jipprovdu garanziji sodisfaċenti u li tiddisponi mill-persunal, tagħmir u faċilitajiet meħtieġa biex jitwettqu l-verifiki meħtieġa skond il-metodi msemmija fl-Artikolu 9(1) jew metodi ekwivalenti.

Il-korpi ta' spezzjoni tal-pajjiż terz għandhom jagħmlu, għal kull lott verifikat qabel d-dħul tiegħu fit-territorju doganali tal-Komunità, jew iċ-ċertifikat ta' konformità provdut fl-Anness I, jew kull forma oħra miftiehma bejn il-Kummissjoni u l-pajjiż terz. Fejn il-Kunsinna ta' importazzjoni tikkonsisti minn diversi lottijiet, il-konformità ta' dawn il-lottijiet jistgħu jkunu ċertifikati fuq ċertifikat waħdieni li jelenka b'mod ċar id-diversi lottijiet li jikkostitwixxu dik il-Kunsinna.

▼M1

Il-formuli *standard* li fuqhom jinkitbu ċ-ċertifikati li jipprovdi għalihom it-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandhom ikunu stabbiliti fil-kwadru ta' l-approvazzjoni msemmija fil-paragrafu 1.

Iċ-ċertifikat għandu jidher fuqu l-kelma 'oriġinali'. Fejn kopji addizzjoniali huma rikjesti, dawn għandhom ikunu ttimbrati bil-kelma 'kopja'. L-awtoritajiet kompetenti fil-Komunità għandhom jaċċettaw bħala validu biss l-oriġinal taċ-ċertifikat.

Il-formula għandha tkun ta' qies ta' 210 × 297 mm; tolleranza ta' mhux aktar minn 8 mm jew mhux anqas minn 5 mm fit-tul tista' tkun permessa. Il-karta użata għandha tkun bajda, mingħajr polpa mekkanika, ta' qies tajjeb għall-kitba u tkun tiżen mhux inqas minn 40 g/m^2.

Il-formuli għandhom ikunu stampati u mimlijin b'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Komunità.

Il-formuli għandhom jimtlew permezz ta' proċess mekkanografiku jew xi ieħor simili.

Iskrizzjonijiet m'għandhomx jitħassru jew issir kitba fuqhom. Xi alterazzjonijiet għandhom isiru billi jsir salib fuq id-dettalji inkorretti u, fejn approprjat, billi jiżdiedu dawk li hemm bżonn. Bidliet bħal dawn għandhom ikunu inizjalati mill-persuna li tagħmilhom u ffirmati mill-awtoritajiet tal-ħruġ.

Kull ċertifikat għandu jkollu numru serjali, kemm jekk stampat kemm le, li bih ikun jista' jkun identifikat, u għandu jkun stampat mill-awtorità tal-ħruġ u ffirmat mill-persuna jew persuni awtorizzati li jagħmlu hekk.

L-awtorità tal-ħruġ għandha żżomm kopja ta' kull ċertifikat li toħroġ.

4. Il-Kummissjoni tista' tissospendi l-approvazzjoni jekk jinstab li, f'numru sinifikanti ta' lottijiet u/jew kwantitajiet, l-oġġetti ma jikkorrispondux ma' l-informazzjoni fiċ-ċertifikati ta' konformità maħruġa mill-korpi ta' spezzjoni tal-pajjiżi terzi, jew fejn tweġiba mhux sodisfaċenti tkun saret għat-talbiet ta' kontrolli *a posteriori* kif imsemmija fil-paragrafu 5a.

▼B

5. L-Istati Membri jistgħu jwettqu verifiki fil-punt ta' importazzjoni fuq prodotti importati taħt il-kondizzjonijiet provduti fl-Artikolu preżenti għat-tħaris ta' l-istandards billi jitwettqu verifiki ta' konformità għal kull pajjiż terz konċernat fuq proporzjon sinifikattiv tal-konsenji u kwantitajiet importati taħt dawn il-kondizzjonijiet. Dan il-proporzjon għandu jkun biżżejjed biex tkun żgurata l-konformità mar-regoli tal-Komunità mill-korpi ta' spezzjoni ta' pajjiż terz. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri provduti fl-Artikolu 9(3) huma applikati lil-lottijiet verifikati, fejn dawk il-lottijiet ma jħarsux *marketing standards*.

Fejn il-verifiki juru irregolaritajiet sinifikanti, l-Istati Membri għandhom jinformaw minnufih lill-Kummissjoni u l-korpi ta' spezzjoni għandhom iżidu l-proporzjon ta' konsenji u l-kwantitajiet verifikati skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu.

▼M2

Jekk xi Membru Stat jara l'bżonn ta' miżata li tkopri l'infiq fuq dawn il-kontrolli msemmija f'dan il-paragrafu, l-miżata trid tkun stabbilita fuq l-inqas ammont ta' kunsinni u tgħabijiet suġġetti għal dawn il-kontrolli aktar milli fuq dawk msemmija fl-Artikolu 6.

▼M1

5a. Kull fejn iqumu dubji dwar l-awtentiċità ta' xi ċertifikat kif imsemmi fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 3 jew rigward l-eżattezza ta' l-informazzjoni li tinsab fih, għandu jsir kontroll *a posteriori*.

L-awtorità kompetenti fil-Komunità għandha tirritorna ċ-ċertifikat jew il-kopja tiegħu lill-korrispondent uffiċjali fil-pajjiż terz, kif imsemmi fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 2, filwaqt li tagħti, fejn apporoprjat, irraġunijiet għall-inkjesta u kull informazzjoni miksuba li tgħid li ċ-ċertifikat mhux awtentiku jew li dettalji li hemm fih huma inkorretti. Talbiet

▼M1

għal kontrolli *a posteriori* għandhom jingħiebu għall-attenzjoni tal-Kummissjoni kemm jista' jkun malajr, flimkien mar-riżultati ta' kull talba.

Fejn issir talba għal kontroll *a posteriori*, l-importatur tal-prodotti kkonċernati jista' jitlob lill-korpi ta' spezzjoni kompetenti biex iwettqu kontroll ta' konformità kif imsemmi fl-Artikolu 6.

▼B

6. L-awtorità koordinatriċi għandha tikkomunika lill-Kummissjoni kull tliet xhur, sa mhux aktar tard mill-aħħar tat-tliet xhur wara dawk it-tliet xhur, għal kull pajjiż terz jew prodott konċernat, in-numru ta' lottijiet u l-kwantitajiet totali importati skond il-paragrafu 1, in-numru tal-lottijiet u l-kwantitajiet li kienu verifikati għall-konformità kif imsemmi fil-paragrafu 5 u, minn dawk il-lottijiet, dawk li l-korpi ta' spezzjoni sabu li ma jikkonformawx mad-data msemmija fiċ-ċertifikati ta' konformità maħruġa mill-korp ta' spezzjoni tat-tielet pajjiż, u jispeċifikaw il-kwantitajiet għal kull wieħed minn dawk il-lottijiet u t-tip ta' difetti li jwasslu għal dik ir-riżultanza.

7. L-awtoritajiet doganali għandhom jipprovdu l-awtorità koordinatriċi u/jew il-korpi ta' spezzjoni bl-informazzjoni meħtieġa għall-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu preżenti.

▼M1

8. L-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu għandha tkun suġġetta għall-istabbiliment ta' proċedura għal kooperazzjoni amministrattiva bejn il-Komunità u kull pajiż terz ikkonċernat.

Għal dan l-għan il-pajjiżi terzi kkonċernati għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni l-informazzjoni relevanti kollha dwar l-operazzjonijiet ta' kontroll, b'mod partikolari kampjuni ta' impressjonijiet ta' timbri użati mill-korpi ta' spezzjoni u, fejn approprjat, u mingħajr dewmien, kull bidla f'din l-informazzjoni.

Il-Kummissjoni għandha tinnotifika din l-informazzjoni, u kull emendi sussegwenti, lill-awtoritajiet koordinaturi fl-Istati Membri li għandhom jinformaw lill-awtoritajiet doganali u awtoritajiet kompetenti oħra tagħhom.

Darba tkun stabbilita kooperazzjoni amministrattiva, u wara kull emenda sinifikanti ta' informazzjoni mibgħuta minn pajjiż terz ikkonċernat kemm fil-kwadru ta' din il-koordinazzjoni amministrattiva u kemm fir-rigward ta' l-ismijiet u indirizzi tal-korrispondent uffiċjali u tal-korpi ta' spezzjoni, il-Kummissjoni għandha tippubblika notifika għal dan l-għan fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* (serje C).

▼B

Artikolu 8

Prodotti maħsuba għall-ipproċessar

1. Għall-iskopijiet ta' l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, prodotti maħsuba għall-ipproċessar huma frott frisk u ħaxix soġġetti għall-*marketing standards* trasportati bil-baħar lill-impjanti ta' l-ipproċessar fejn huma proċessati f'prodotti klassifikati f'posizzjoni NM differenti minn dik tal-prodott frisk inizjali.

2. Il-korpi ta' spezzjoni kompetenti għandhom joħorġu ċertifikati ta' proċessar kif provdut fl-Anness II għal prodotti maħsuba għall-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi u prodotti importati fil-Komunità fejn dawk il-prodotti huma maħsuba għall-ipproċessar u huma, għalhekk, skond l-Artikolu 3(3)(a) tar-Regolament (KE) Nru 2200/96, mhux suġġetti għal konformità ma' *marketing standards*. Għandhom jiżguraw li d-dispożizzjonijiet speċjali ta' l-ittikkettjar provduti fil-paragrafu 3 jitħarsu.

3. Fil-każ ta' importazzjonijiet, wara li jkun ħareġ xi ċertifikat imsemmi fil-paragrafu 2, il-korp ta' spezzjoni kompetenti għandu jibgħat minnufih lill-awtorità koordinatriċi ta' l-Istat Membru fejn ikun ser isir l-

▼B

ipproċessar kopja taċ-ċertifikat u kull informazzjoni meħtieġa għall-verifika possibbli ta' l-operazzjonijiet ta' l-ipproċessar. Wara l-ipproċessar, l-impriża ta' l-ipproċessar għandha tibgħat lura ċ-ċertifikat lill-korp ta' spezzjoni kompetenti, li għandu jiżgura li l-prodotti jkunu fil-fatt ġew proċessati.

4. L-ippakkjar tal-prodotti maħsuba għall-ipproċessar għandu jkun immarkat b'mod ċar mill-pakkett bil-kliem "maħsub għall-ipproċessar" jew kliem ieħor ekwivalenti. Fil-każ ta' oġġetti trasportati bil-baħar *in bulk*, mgħobbija direttament fuq mezz ta' trasport, din l-indikazzjoni għandha tingħata f'dokument li jakkumpanja l-oġġetti murija fuq avviż impoġġi f'posizzjoni ovvja ġewwa l-mezzi ta' trasport.

5. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha li jiġġudikaw meħtieġa, partikolarment dawk relatati għall-kooperazzjoni ma' l-Istati Membri oħra konċernati, biex ikun evitat li kull oġġett intiż għas-suq frisk ikun trasportat bil-baħar barra r-reġjun ta' produzzjoni ta' l-oġġetti intiżi għall-ipproċessar.

Artikolu 9

Metodi ta' spezzjoni

1. Il-verifiki ta' konformità provduti f'dan ir-Regolament, bl-eċċezzjoni ta' dawk fil-punt tal-bejgħ bl-imnut għall-konsumatur aħħari, għandhom jitwettqu, ħlief kif diversament provdut taħt dan ir-Regolament, skond il-metodi fl-Anness IV.

L-Istati Membri għandhom jiffissaw arranġamenti speċifiċi għall-verifika tal-konformità fil-punt tal-bejgħ bl-imnut lill-konsumatur aħħari.

2. Meta spetturi jsibu li l-oġġetti jħarsu *marketing standards*, il-korp ta' spezzjoni jista' joħroġ ċertifikat ta' konformità kif provdut fl-Anness I. Dan iċ-ċertifikat għandu f'kull każ jinħareġ fil-punt ta' importazzjoni jew esportazzjoni.

3. Fejn l-oġġetti ma jikkonformawx ma' l-istandards, il-korp ta' spezzjoni għandu joħrog riżultanza ta' non-konformità għall-attenzjoni tan-negozjant jew ir-rapprezentanti tagħhom. Oġġetti fejn riżultanza ta' non-konformità tkun inħarġet ma jistgħux jiċċaqalqu mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-korp ta' spezzjoni li jkun ħareġ dik ir-riżultanza. Din l-awtorizzazzjoni tista' tkun suġġetta għat-tħaris tad-disposizzjonijiet provduti mill-korp ta' spezzjoni.

Negozjanti jistgħu jiddeċiedu li jġibu l-oġġetti kollha jew uħud minnhom f'konformità. Oġġetti miġjuba f'konformità ma' jistgħux jinbiegħu qabel ma l-korp ta' spezzjoni kompetenti jkun zgura bil-mezzi kollha xierqa li l-oġġetti jkunu fil-fatt inġabu f'konformità. Għandu joħroġ, fejn applikabbli, ċertifikat ta' konformità kif provdut fl-Anness I għal-lott jew parti minnu biss ladarba l-oġġetti jkunu inġabu f'konformità.

▼M2

Jekk l-awtorità ta' kontroll tilqa' x-xewqa ta' negozjant li jġib il-prodotti tiegħu konformi f'xi Stat Membru minn jeddu, aktar milli meta xi kontrolli jwasslu għal xi diskrepanza ta' konformitá, l-Istati Membri jridu jieħdu miżuri xierqa biex bejnietom jassiguraw li l-prodotti jkunu ġew/huma konformi verament.

Fejn il-prodotti ma jkunux jistgħu jiġu konformi u lanqas użati għall-għalf ta' l-annimali jew għal proċessar industrijali jew xi użu ieħor mhux tal-ikel, l-awtorità ta' kontroll, fejn ikun neċessarju, trid iġġiegħel in-negozjanti jieħdu miżuri xierqa biex jassiguraw li l-prodotti konċernati ma jitpoġġewx fis-suq.

In-negozjanti għandhom l'obbligu li jipprovdu kull infomazzjoni meħtieġa mill-Istati Membri għal fini tal-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu.

▼B

Artikolu 10

Disposizzjonijiet finali

1. Il-korpi ta' spezzjoni ta' Stat Membru li fit-territorju tiegħu lott ta' oġġetti minn Stat Membru ieħor jinstab li ma jikkonformax ma' l-istandards minħabba difetti jew deterjorazzjoni li setgħu nkixfu fil-ħin ta' l-ippakkjar għandhom jinnotifikaw minnufih dawn il-każijiet ta' nuqqas ta' konformità skoperti sa l-istadju tal-bejgħ bl-ingrossa, inkluż f'ċentri ta' distribuzzjoni, lill-awtoritajiet ta' Stati Membri oħra li x'aktarx ikunu konċernati.

2. Fejn, fuq l-importazzjoni ta' pajjiż terz, lott ta' oġġetti jinstabu li ma jikkonformawx ma' l-istandards, l-awtorità koordinatriċi ta' l-Istat Membru konċernat għandha minnufih tinnotifika lill-Kummissjoni u l-awtoritajiet li jikkoordinaw ta' l-Istati Membri l-oħra li x'aktarx ikunu konċernati, li imbagħad jgħaddu din l-informazzjoni kif meħtieġ fit-territorju tagħhom. Il-Kummissjoni għandha tkun notifikata via sistema elettronika indikata mill-Kummissjoni.

3. Għall-iskop ta' l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, fil-każ ta' prodotti li għalihom *marketing standards* kienu adottati, il-fatturi u d-dokumenti li jakkumpanjaw għandhom jindikaw il-klassi tal-kwalità, il-pajjiż ta' oriġini tal-prodotti u, fejn xieraq, il-fatt li huwa maħsub għall-ipproċessar. Dan ir-Regolament ma għandux japplika għall-bejgħ bl-imnut lill-konsumatur aħħari.

Artikolu 11

1. Regolamenti (KEE) Nru 2251/92 huwa hawnhekk mħassar.

2. Negozjanti eżentati mill-ispezzjoni ta' l-oġġetti fil-ħin tal-kunsinna taħt l-Artikolu 6 tar-Regolament (KEE) Nru 2251/92 jistgħu jużaw l-ippakkjar mwaħħal bit-tikketta provduta fl-Anness III ta' dak ir-Regolament sal- ►**M2** 30 ta' Ġunju 2003 ◄.

3. Ċertifikati ta' spezzjoni maħruġa skond l-Artikolu 3(9) tar-Regolament (KEE) Nru 2251/92 huma validi sakemm tiskadi d-data ta' validità fil-kaxxa 12 taċ-ċertifikati konċernati. Ċertifikati ta' l-ipproċessar maħruġa skond l-Artikolu 10 tar-Regolamenti (KEE) Nru 2251/92 huma validi sal-31 ta' Jannar 2002.

Artikolu 12

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2002.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS I

ĊERTIFIKAT TA' KONFORMITÀ MAL-*MARKETING STANDARDS* TAL-KOMUNITÀ GĦALL-FROTT FRISK U ĦAXIX TA' L-IKEL

<table>
<tr><td>1. Negozjant</td><td colspan="3">Ċertifikat ta' konformità mal-marketing standards tal-komunità għall-frott frisk u ħaxix ta' l-ikel (KE) Nru 2200/96

Nru .....

(Dan iċ-ċertifikat huwa għall-użu esklussiv ta' korpi ta' spezzjoni)</td></tr>
<tr><td rowspan="2">2. Min jippakkja identifikat fuq il-pakkeġġjar (jekk mhux in-negozjant)</td><td colspan="3">3. Korp ta' spezzjoni</td></tr>
<tr><td>4. Post ta' spezzjoni/pajjiż ta' oriġini (1)</td><td colspan="2">5. Reġjun jew pajjiż ta' destinazzjoni</td></tr>
<tr><td colspan="3">6. Identifikatur tal-mezz ta' trasport</td><td>7.
☐ intern
☐ dovoz
☐ vývoz</td></tr>
<tr><td>8. Pakketti (numru u tip)
—
—
—
—</td><td>9. Tipi ta' prodotti (varjetà jekk l-istandard jispeċifika)</td><td>10. Klassi ta' kwalità</td><td>11. Piż totali f'kg gross/nett (2)</td></tr>
<tr><td colspan="4">12. Il-korp ta' spezzjoni fuq imsemmi jiċċertifika wara l-ispezzjoni bil-kampjun li l-oġġetti ta' hawn fuq jikkorrispondu fil-ħin ta' l-ispezzjoni għall-marketing standards msemmija fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 2200/96 fis-seħħ

.....
Uffiċċju doganali mbassar. dħul/ħruġ (2)

Perjodu ta' validità: ..... ġranet .....
Post u data tal-ħruġ Spezzjoni

.....
Spettur .....
Firma

(isem bl-ittri kbar)</td></tr>
<tr><td colspan="4">13. Kummenti</td></tr>
</table>

(1) Fejn l-oġġetti qed ikunu ri-esportati, indika l-oriġini tagħhom fil-kaxxa 9.
(2) Ħassar kif xieraq.

▼B

ANNESS II

ĊERTIFIKAT TA' UŻU INDUSTRIJALI MSEMMI FL-ARTIKOLU 8(2) GĦALL-FROTT FRISK U ĦAXIX TA' L-IKEL SOĠĠETTI GĦAL *MARKETING STANDARDS* TAL-KOMUNITÀ


1. Negozjant	**Ċertifikat ta' l-użu industrijali** **(Frott frisk u ħaxix soġġetti għal *marketing standards* skond ir-Regolament (KE) Nru 2200/96)** **Nru:**	
2. Identifikatur tal-mezz ta' trasport	3. Korp ta' spezzjoni li joħroġ iċ-ċertifikat	
4. Użu industrijali maħsub użu/lsem u indirizz tal-proċessur	5. Korp ta' spezzjoni għar-reġjun fejn l-ipproċessar għandu jsir	
6. Numru ta' pakketti jew il-kliem 'in bulk'	7. Natura ta' l-oġġetti/pajjiż ta' oriġini	8. Piż totali f'kilogramm gross/net (1)
9. .... Uffiċju doganali mbassar: ħul/ħruġ (1) Post u data ta' ħruġ Timbru ta' spezzjoni .... Spettur: Firma (isem f'ittri kbar)		
10. Kummenti		
11. Il-proċessur jiċċertifika li l-prodott indikat fuq kien proċessat. Post u data: Firma Timbru		
12. Iċ-ċertifikat preżenti għandu jkun mibgħut lura, iffirmat u stampat fil-kaxxa 11, wara l-ipproċessar ta' l-oġġetti msemmija fil-kaxxi 6, 7 u 8, lill-korp ta' spezzjoni msemmi fil-kaxxa 5.		

(1) Ħassar kif xieraq.

▼**M1**

ANNESS III

Kampjun imsemmi fl-Artikolu 4(3)



"

▼M2

L-ANNESS IV

Metodi ta' spezzjoni msemmija fl-Artikolu 9(1)

Rimarka: Il-metodi ta' spezzjoni li ġejjin huma bbażati fuq id-dispożizzjonijiet ta' gwida tal-implimentazzjoni ta' kontroll fuq il-kwalità tal-frott u l-ħaxix frisk stabbiliti mill-Grupp ta' ġidma tal-UN/ECE (Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti) għall-istandard ta' prodotti tal-konsum u titjib fil-kwalità ta' dawn il-prodotti.

1. DEFINIZZJONIJIET

(a) **Kontrolli ta' Konformitá**

Spezzjoni segwita minn kontrollur skond dan ir-Regolament sabiex jikkontrolla li il-frott u l-ħaxix jikkonforma ma' l-istandards tal-marketing stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 2200/96.

Din l-ispezzjoni tinkludi:

— meta approprjat, spezzjoni ta' identita u dokumenti:spezzjoni tad-dokumenti jew ċertifikati li jakkumpanjaw il-konsenja u/jew ir-reġistri msemmija fit-tielet inċiż tat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 4(3) u fl-Artikolu 5(1a)(d) tar-Regolament (KE) Nru 1148/2001, u spezzjoni tal-prodotti u d-dokumenti biex jiġi ċċekjat li l-partikolari mniżżla fid-dokumenti jaqblu mal-prodotti,

— spezzjoni fiżika: billi jittieħed kampjun ta' prodotti mill-merkanzija u jiġi assigurat li dak il-kampjun jissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti mill-istandards tal-marketing, inklużi d-dispożizzjonijiet fuq l-ippakjar u l-mod kif il-pakketti jiġu ppreżentati.

(b) **Kontrollur**

Persuna awtorizzata mill-awtoritá kompetenti ta' l-ispezzjonijiet li għandu taħriġ xieraq sabiex ikun jista' jmexxi spezzjonijiet ta' konformitá.

(ċ) **Kunsinna**

Il-kwantitá ta' prodott mibjugħ minn negozjant preżenti waqt il-ħin tal-kontroll u definita minn dokument. Il-kunsinna tista' tikkonsisti minn tip ta' prodott wieħed jew minn ħafna tipi: fiha jista' jkun hemm tip wieħed jew ħafna tipi ta' frott u ħaxix frisk.

(d) **Lott**

Kwantitá ta' Prodotti li, fil-post u l'ħin tal-kontroll, ikollha l-istess karatteristiċi bħal:

— l-identitá ta' min ippakja jew dak li jqassam il-prodott,

— il-pajjiż ta' l-oriġini,

— in-natura tal-Prodott,

— il-klassi tal-prodott,

— id-daqs (jekk il-prodott huwa klassifikat skond id-daqs),

— it-tip ta' varjetá jew kummerċ (skond id-dispożizzjonijiet ta' l-istandard),

— t-tip ta' ppakkjar u preżentazzjoni.

Madankollu, jekk waqt l-ispezzjoni tal-kunsinna, ma jkunx possibli li wieħed jiddistingwi bejn lottijiet differenti u/jew ma jkunx possibli li wieħed jgħaraf lottijiet individwali, il-lottijiet kollha ta' kunsinna partikolari jiġu trattati bħala lott wieħed jekk ikunu simili fir-rigward tat-tip tal-prodott, min bagħthom, l'pajjiż minn fejn oriġinaw, il-klassi w it-tip ta' varjetá jew kummerċ u jkun stipulat fl-istandard.

▼M2

(e) **Kampjun**

Kampjun kollettiv meħud minn lott waqt spezzjoni ta' konformitá.

(f) **Kampjun primarju**

Pakkett meħud minn lott, jew fil-każ ta' prodotti bl-ingrossa, kwantitá meħudha minn xi post fil-lott.

(g) **Kampjun globali**

Ġafna kampjuni primarji meħuda minn lott, li l-kwantitá tagħhom tkun suffiċenti biex issir stima fuq il-lott kollu fir-rigward tal-kriterji kollha.

(h) **Kampjun sekondarju**

Fil-każ tal-ġewż, kampjun sekondarju għandu jkun kwantitá ta' prodott meħud minn kull kampjun primarju fil-kampjun globali li jkun jiżen bejn 300 g u 1 kg. Jekk il-kampjun primarju jkun magħmul minn ikel ippakkjat, il-kampjun sekondarju għandu jkun pakkett wieħed minn dan l-ikel.

(i) **Kampjun mħallat**

Fil-każ tal-ġewż, kampjun imħallat għandu jkun taħlitá ta' ġewż li tiżen mill-inqas 3kg, minn kull kampjun sekondarju fil-kampjun globali. It-taħlita ta' ġewż fil-kampjun mħallat għandha tkun indaqs.

(j) **Kampjun ridott**

Kwantitá rapreżentattiva ta' prodott meħudha minn kampjun globali li d-daqs tagħha jkun suffiċenti biex issir stima individwali ta' ċertu kriterja.Fil-każ tal-ġewż, il-kampjun ridott jrid jkun fih mill-inqas 100 ġewża meħudha mill-kampjun mħallat.}afna kampjuni ridotti jistgħu jittieħdu minn kampjun globali.

(k) **Pakketti**

Pakketti individwali parti minn lott, li jkun fihom xi kontenut.L-ippakkjar sar sabiex jiffaċilitá t-trasport u t-tqandil ta' unitá ta' bejgħ jew waħdiet jew numru ta' prodotti, sabiex ma jkunx hemm danni fit-tqandil fiżiku jew t-trasport.Kontenituri tat-trasport bl-art, bil-ferrovija, bil-baħar jew bl-ajru mhumiex ikkunsidrati bħala pakketti.

(l) **Pakketti ta' bejgħ**

Pakketti indiviwali li jagħmlu parti minn lott u li fihom kontenut. L-ippakkjar ta' pakketti ta' bejgħ sar sabiex unitá ta' bejgħ tkun offruta lil konsumatur għax-xiri. Fost il-pakketti ta' bejgħ, pakketti ppakjati minn qabel bħal pakketti li jaħbu l-kontenut tal-ikel kompletament jew parzjalment b'tali mod li l-kontenut ma jkunx jista' jiġi mibdul jekk kemm 'il darba il-pakkett ma jiġix miftugħ jew ippakkjat mill-ġdid.

2. TA' KONTROLL TA' KONFORMITÀ

(a) **Rimarka ġenerali**

Kontrolli fiżiċi jridu jsiru billi jiġu stmati kampjuni globali meħuda saltwarjament minn partijiet differenti tal-lott li jkun qed jiġi kontrollat. Dan hu bbażat fuq il-prinċipju ta' preżunzjoni li l-lott hu konformi mal-kampjun globali.

(b) **Identifikazzjoni tal-lott u/jew impressjoni ġenerali tal-kunsinna**

L-indentifikazzjoni tal-lottijiet trid tkun ibbażata fuq l-indikazzjonijiet esterni jew fuq kriterji oħra bħal indikazzjonijiet stabbiliti mid- Direttiva tal-Kunsill 89/396/KEE ([1]). Fil-każ ta' kunsinni li jkunu magħmula minn ħafna lottijiet, jkun neċes-

([1]) ĠU L 186, 30.6.1989., p. 21.

▼M2

sarju li l-kontrollur jistabbilixxi impressjoni ġenerali tal-kunsinna bil-għajnuna tad-dokumenti u d-dikjarazzjonijiet li jakkumpanjaw il-kunsinna.Hu wara jistabilixxi, kemm dawn il-lottijiet jaqblu ma' l-informazzjoni ta' dawn id-dokumenti.

Jekk il-prodott għandu jiġi jew ikun ġie mgħobbi fuq xi mezz ta' trasport, innumru tar-reġistrazzjoni ta' dan il-mezz tat-trasport għandu jiġI użat bħala identifikazzjoni tal-kunsinna.

(ċ) **Preżentazzjoni ta' Prodott**

Il-kontrollur għandu jiddeċiedi liema pakketti għandhom jiġu kontrollati.Il-preżentazzjoni ta' dawn il-pakketti għandha tkun ippreżentatha mill-persuna inkarigata jew rappreżentattiv tagħha.Il-proċedura trid tinkludi preżentazzjoni tal-kampjun globali.

Jekk ikun hemm bżonn ta' kampjuni ridotti jew sekondarji, dawn għandhom jiġu magħżula mill-kontrollur innifsu mil-kampjun globali.

(d) **Kontroll fiżiku**

— Stima ta' ppakkjar u preżentazzjoni fuq bażi ta' kampjuni primarji:

L-ippakkjar, inkluż il-materjal użat fil-pakkett, jrid jiġi ttestjat għall-għan u l-indafa tal-prodott skond id-dispożizzjonijiet ta' l-istandards tal-marketing. Jekk ikunu permessi biss ċertu tipi ta' ppakjar, il-kontrollur għandu jiċċekja li jkun qiegħed jintuża dan it-tip ta' ppakjar.

— Verifikazzjoni ta' indikazzjonijiet fuq bażi ta' kampjuni primarji:

l-ewwel, ikun aċċertat li l-prodott hu mmarkat skond l-istandards tal-marketing. Tkun iċċekjata, waqt kontroll, il-preċiżjoni tal-indikazzjonijiet u/jew l-estensjoni ta' l-emenda meħtieġa.

Frott u ħaxix mgerbeb individwalement fil-plastik mhux ikkonsidrat bħala ikel ippakjat fis-sens tad-Direttiva tal-Kunsill u l-Parlament Ewropew 2000/13/KE ([1]) u mhux neċessarjament għandu jkun immarkat skond l-istandards tal-marketing. F'każijiet bħal dawn, it-tgeżwir tal-plastik għandu jkun ikkunsidrat bħala sempliċi protezzjoni għal prodotti fraġli.

— Verifikazzjoni ta' konformitá ta' prodotti li jużaw kampjuni globali jew mħallta u/jew kampjuni ridotti:

Il-kontrollur jrid jistabbilixxi d-daqs tal-kampjun globali b'tali mod li jkun jista' jagħmel stima tal-lottijiet. Hu għandu saltwarjament jagħżel il-pakketti li jridu jiġu spezzjonati jew fil-każ ta' prodotti bl-ingrossa, l-postijiet minn fejn għandhom jittieħdu kampjuni individwali.

Pakketti li jkunu sofrew xi danni ma għandhomx jiġu wżati fil-kampjuni globali. Dawn għandhom jiġu mwarrba u jekk ikun neċessarju jistgħu jkunu suġġetti għal spezzjoni u rapport separat.

Kull meta kunsinna tkun dikjaratha mhix sodisfaċenti, il-kampjun globali jrid ikun fih il-kwantitajiet li ġejjin:

Prodotti ppakjati

Numru ta' pakketti fil-lott	Numru ta' pakketti biex jittieħdu (kampjuni primarji)
Sa 100	5
Minn 101 sa 300	7
Minn 301 sa 500	9
Minn 501 sa 1 000	10
Aktar minn 1 000	15 (minimu)

([1]) ĠU L 109, 6.5.2000., p. 29.

▼M2

Prodotti bl-ingrossa

Kwantitá tal-lot f'kg jew numru ta' qatet fil-lott	Kwantitá ta' kampjuni primarji jew numru ta' qatet
Sa 200	10
Minn 201 sa 500	20
Minn 501 sa 1 000	30
Minn 1 001 sa 5 000	60
Aktar minn 5 000	100 (minimu)

Fil-każ ta' frott u ħaxix goff ('il fuq minn 2 kg kull biċċa), il-kampjun primarjujrid jkun magħmul minn ta' l-inqas ħames biċċiet. Fil-każ ta' lottijiet li jkun fihom anqas minn 5 pakketti jew jkunu jiżnu anqas minn 10kg, il-kontroll għandu jkun fuq il-lott kollu.

Jekk il-kontrollur jiskopri li wara deċizjoni ma tkunx tista' tiġI milħuqha wara li tkun saret spezzjoni, hu jista' jerġa' jagħmel spezzjoni oħra u jesprimi ir-riżultat globali bħala medja taż-żewġ spezzjonijiet.

Jertu kriterji fuq il-livell ta' żvilupp u/jew maturitá jew fuq il-preżenza jew l-assenza ta' difetti interni, jistgħu jiġu ċċekjati fuq bażi ta' kampjuni ridotti; dan japplika partikolarment għall-kontrolli li jeqirdu l-valur tal-prodott fis-suq. Id-daqs tal-kampjun ridott jrid ikun assolutament restritt għall-iżgħar kwantitá neċessarja biex issir stima fuq il-lott. Jekk, madankollu, jkunu suspettati jew ċertifikati xi difetti, d-daqs tal-lott ridott ma jridx jaqbeż l-10 fil-mija tad-daqs tal-kampjun globali meħud inizjalment għall-ispezzjoni.

(e) **Kontroll ta' Prodott**

Il-Prodott irid jiġi maħruġ mill-pakkett biex jiġi spezzjonat; il-kontrollur jista' ma jagħmilx dan fil-kaz tal-ġewż jew jekk it-tip jew forma ta' kif ikun ippreżentat il-prodott iħalli lok li l-prodott jiġi spezzjonat mingħajr ma jinħareġ. Spezzjoni ta' uniformitá, ħtiġiet bażiċi, il-klassijiet ta' kwalitá u daqs trid tiġi segwita fuq bażi tal-kampjuni globali, jew fuq bażi tal-kampjuni mħallta jew fil-każ tal-ġewż. Meta jiġu skoperti difetti, il-kontrollur għandu jistabbilixxi il-perċentwali rispettivi tal-prodotti mhux konformi mal-istandard permezz ta' numru jew piż.

Il-kriterji fuq il-livell ta' żvilupp u/jew maturitá jistgħu jiġu ċċekjati permezz ta' l-istrumenti u l-metodi stabbiliti għal dan il-għan fl-istandards tal-marketing jew skond prattiċi aċċettati.

(f) **Rapport tar-riżultati ta' kontroll**

Dokumenti msemmija fl-Artikolu 9 jinħarġu fejn meħtieg.

Jekk jinstabu difetti, in-negozjant jew rappreżentant tiegħu għandhom jiġu mgħarrfa bil-miktub dwar ir-raġunijiet tal-ilment. Jekk il-konformitá tal-prodott tkun possibbli b'xi bdil fl-indikazzjonijiet, in-negozjant jew ir-rappreżentant tiegħu, għandhom ikunu mgħarrfa b'dan.

Jekk jinstabu difetti f'xi prodott, jrid jiġi indikat il-perċentwali ta' prodotti mhux konformi ma' l-istandards.

(g) **Tnaqqis fil-valur minn kontroll ta' konformitá**

Wara li jsir il-kontroll, il-kampjun globali jiġi mqiegħed għad-dispożizzjoni ta' l-operatur jew ir-rappreżentant tiegħu.

L-awtorità ta' kontroll mhux marbuta li tirritorna lura l-elementi tal-kampjun globali li jinqerdu waqt il-kontroll.